

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** ID-DIRETTIVA 2001/109/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Diċembru 2001

dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott

(ĠU L 13, 16.1.2002, p. 21)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/128/KE tat-3 ta' Frar 2006	L 118M	232	8.5.2007
► M2	Direttiva tal-Kunsill 2006/110/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	933	31.12.2008
► M3	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/690/KE ta' l-4 ta' Awwissu 2008	L 225	14	23.8.2008

Emendata minn:

► A1	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003
-------------	----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	-------	----	-----------



**ID-DIRETTIVA 2001/109/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tad-19 ta' Diċembru 2001

**dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri
sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta'
pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni, sabiex twettaq il-funzjoni mogħtija lilha mit-Trattat u minn dispożizzjonijiet Komunitarju li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-frott u tal-ħaxix, jeħtieġ li tinżamm informata b' mod preċiż dwar il-potenzjal tal-produzzjoni ta' l-oqsma ta' xi speċje ta' siġar tal-frott fil-Komunità u li jkollha disponibbli stimi ta' temp medju tal-produzzjoni u l-fornitura fuq is-swieq. Din l-informazzjoni bħalissa tingħata fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 76/625/KEE tal-20 ta' Lulju 1976 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi determinat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' oqsma ta' xi speċje ta' siġar tal-frott ⁽³⁾. Issa li qed isiru emendi ġodda, huwa xieraq għal raġunijiet ta' ariżza li dik id-Direttiva titħassar u tiġi sostitwita minn din id-Direttiva.
- (2) L-Istati Membri kollha għandhom iwettqu sħarri[b' mod konkorenti fuq l-oqsma ta' siġar tal-frott ta' l-istess speċi skond l-istess kriterji u bi prei\joni komparabbli. L-oqsma ġodda jiksbu l-għotja massima tagħhom biss wara xi snin. Dan l-istħarriġ għandu għalhekk jerġa' jsir kull ħames snin sabiex jiġu miksuba statistiċi li tista torbot fuqhom dwar il-potenzjal tal-produzzjoni, b'kont meħud tas-siġar tal-frott li għandhom mħumiex qed jipproduù.
- (3) Għandhom isiru f' kull stat Membru sħarri uniformi dwar il-varjetajiet differenti ta' kull speċje ta' frott, u fl-istess ħin isir sforz li jiġu stabbiliti subdiviżjonijiet skond il-varjetà li huma kemm jista jkun kompleti.
- (4) L-esperjenza miksuba fl-istħarriġ ta' qabel ta' oqsma tas-siġar tal-frott turi li huwa meħtieġ li tiġi introdotta ċerta flessibilità fil-metodi ta' sħarri użati fl-Istati Membri filwaqt li tinżamm il-komparabilità ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri.
- (5) Ladarba l-oġġettivi ta' l-azzjoni proposta, ji[ifieri li jiġu miksuba statistiċi kompleti u ta'min jorbot fuqhom dwar il-potenzjal tal-produzzjoni ta' oqsma ta' xi speċje ta' siġar tal-frott fil-Komunità u dwar stimi ta' temp medju ta' produzzjoni u forniture Komu-

⁽¹⁾ ĠU C 96 E, tas-27.3.2001, p. 212.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2001 (għad mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2001 (għad mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2001 (għad mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 218, tal-11.8.1976, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, tal-21.1.2000, p. 72).

▼B

nitarja, ma jistgħux jiġu miksuba b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment u għalhekk jistgħu, minħabba l-effetti ta' l-azzjoni, jiġu miksuba fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' taddotta miżuri, skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f' dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hemm min dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

- (6) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu addottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li twaqqaf il-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentatorji kkkonferuti fuq il-Kummissjoni ⁽¹⁾,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu matul l-2002, u kull ħames snin wara, stħarriġ fuq l-oqsma ta' xi speċje ta' siġar tal-frott fuq it-territorju tagħhom.

2. Għandhom jiġu mistħarrġa dawn l-ispeċi:

- (a) tuffieħ tad-diżerta
- (b) lanġas tad-diżerta
- (ċ) ħawħ
- (d) berquqa
- (e) larinġ
- (f) lumi
- (g) frott taċ-ċitru żgħir.

L-ispeċi li għandhom jiġu mistħarrġa fl-Istati Membri varji huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness.

Il-lista ta; dawn l-ispeċi fit-tabella tista' tiġi emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

L-istħarriġ ta' l-oqsma ta' varjetajiet ta' tuffieħ u lanġas iddestinat biss għal użu minbarra tuffieħ u lanġas għad-diżerta m' għandux ikun obbligatorju.

3. L-istħarriġ għandu jgħodd għall-impriżi b' arja im]awwla b' siġar tal-frott, sakemm il-frott prodott huwa totalment jew prinċipalment intiż għas-suq.

L-istħarriġ għandu jkopri l-ħsad pur jew imħallat, i.e., oqsma ta; siġar tal-frott ta' diversi mill-ispeċi msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 jew wieħed jew aktar minnhom flimkien ma' speċi oħrajn.

4. L-istħarriġ jista' jew ikun eżawrenti jew ibbażat fuq kampjunar g]all- g]arrieda, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3.

Artikolu 2

1. L-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom jiġu organizzati sabiex ir-riżultati jistgħu jiġu ppreżentati f' kombinazzjonijiet varji tal-karatteristiki segwenti:

(A) Varjeta' tal-frott:

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

Għal kull speċi ta' frott, u f' ordni ta' importanza, għandhom jintwerew biżżejjed varjetajiet biex tiġi permessa stima separata għal kull Stat Membru, b' varjetà ta' għal-inqas 80 % tal-arja totali miżrugħa b' siġar tal-frott ta' l-ispeċi ikkunsidrata u, f' kull każ, il-varjetajiet kollha li jireppreżentaw 3 % jew aktar ta' l-arja totali miżrugħa b' siġar tal-frott ta' l-ispeċi ikkunsudrati.

(B) Età tas-siġar:

L-età tas-siġar għandu jiġi kkalkulat mill-ħin meta nżergħu is-siġar fil-masġar. L-istaġun taż-żriġh li jestendi mill-ħarifa sar-rebbiegħa għandu jitqies terminu wieħed.

(C) Arja miżrugħa, numr4 ta' siġar u densità tal-qasam:

Id- densità tal-qasa0 tista' tiġi mistħarrġa u kkwotata direttament jew tista' tinħadem mill-arja miżrugħa.

2. Għandhom jiġu addottati regoli dettaljati biex jiġi applikat dan l-Artikolu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

Artikolu 3

1. Fil-każ ta' kampjunar g]all-g]arrieda, il-kampjun għandu jkun rappreżentanti ta' mhux inqas minn 95 % tal-arja miżrugħa bis-siġar tal-frott. Għandhom isiru stimi għal arji mhux koperti mill-kampjunar.

2. Sa fejn jidħlu r-riżultati ta' l-istħarriġ imwettaq bil-kampjunar g]all-g]arrieda, l-Istati Membri għandhom jieħdu kull pass biex jaċċertaw illi l-iżbalji tal-kampjunar fil-livell ta' kunfidenza ta' 68 % għandhom, għall-massimu, ikunu madwar 3 % għall-arja kollha nazzjonali miżrugħa bis-siġar tal-frott ta; kull speċi.

3. L-Istati/membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jillimta l-iżbalji fir-rappurtar u, fejn meħtieġ, jistmaw l-effett tagħhom fuq l-arja kollha miżrugħa bis-siġar tal-frott ta' kull speċi.

4. Ir-regoli biex jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom javżaw il-Kummissjoni u r-riżultati ta' dan l-istħarriġ malajr kemm jista' jkun u f' kull każ qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena wara s-sena ta' l-istħarriġ.

2. Ir-riżultati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu provduti għal kull arja ta' produzzjoni. Il-fruntieri ta'l-arji ta' produzzjoni li għandhom jiġu addottati għall—Istati Membri għandhom jiġu ffissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8(2).

3. Żbalji fil-kampjunar flimkien ma' żbalji mikxufa fir-rappurtar kif imsemmi fl-Artikolu 3 għandhom jiġu notifikati qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena wara s-sena ta' l-istħarriġ.

4. L-Istati Membru għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport metodoloġiku dwar kif twettaq l-istħarriġ mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena wara s-sena ta' l-istħarriġ.

Artikolu 5

L-Istati Membri li għandhom stimi annwali:

- (a) ta' arji ta' siġar tal-frott li tnaddfu fit-territorju tagħhom, u
- (b) ta' l-oqsma ġodda fit-territorju tagħhom,

▼B

għandhom javżaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena wara s-sena riferenti.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni għandha tistudja dawn b' konsultazzjoni u kooperazzjoni kontinwa ma' l-Istati Membri:

- (a) ir-riżultati provduti,
- (b) il-problemi tekniċi mqajma, partikolarment mill-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan l-istħarriġ,
- (c) is-sinjifikat tas-sejbiet ta' l-istħarriġ.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien sena tan-notifika tar-riżultati mill-Istati Membri, rapport dwar l-esperjenza akkwistata matul l-istħarriġ.

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistiki Agrikulturali, mwaqqfa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE ⁽¹⁾

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom jgħoddu l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b' kont meħud għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

It-terminu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deciżjoni 1999/468/KE għandu jkun tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jaddotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

Artikolu 9

Direttiva 76/625//KEE għandha titħassar b' effett mis-16 t' April 2002.

Kull riferenza li ssir għad-Direttiva mħassra 76/625/KEE għandha titqies bħala riferenza għal din id-Direttiva.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-16 t'16 April 2002. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali riferenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi li bihom issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

⁽¹⁾ ĠU L 179, tas-7.8.1972, p. 1.

▼B

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

▼ M3

ANNEX

SPEĊJI MISTĦARRĠA FL-ISTATI MEMBRI VARJI

	Tuffieħ	Lanġas	Ħawħ	Berquq	Larinġ	Lumi	Ċitru żgħir
Il-Belġju	x	x					
Il-Bulgarija	x	x	x	x			
Ir-Repubblika Ċeka	x	x	x	x			
Id-Danimarka	x	x					
Il-Ġermanja	x	x					
L-Estonja	x						
L-Irlanda	x						
Il-Greċja	x	x	x	x	x	x	x
Spanja	x	x	x	x	x	x	x
Franza	x	x	x	x	x	x	x
L-Italja	x	x	x	x	x	x	x
Ċipru	x	x	x	x	x	x	x
Il-Latvja	x	x					
Il-Litwanja	x	x					
Il-Lussemburgu	x	x					
L-Ungerija	x	x	x	x			
Malta			x (*)				
L-Olanda	x	x					
L-Awstrija	x	x	x	x			
Il-Polonja	x	x	x (*)	x (*)			
Il-Portugall	x	x	x	x	x	x	x
Ir-Rumanija	x (*)	x (*)	x (*)	x (*)			
Is-Slovenja	x	x	x (*)	x (*)			
Is-Slovakkja	x	x	x (*)	x (*)			
Il-Finlandja	x						
L-Iżvezja	x	x					
Ir-Renju Unit	x	x					

(*) L-istħarriġ ma jitwettaqx għal: l-età tas-siġar, id-densità tal-pjantaġġun u l-varjetà tal-frotta.